Supplment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 15,202, 10 ta' Novembru, 1989
Taqsima B

A.L. 136 ta' l-1989

ATT TA' L-1988 DWAR L-EDUKAZZJONI (ATT NRU. XXIV TA' L-1988)

REGOLAMENT LI JEMENDA AKTAR IR-REGOLAMENTI RO1 TA' L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 28(5) u 29(6) ta' l-Att ta' l-1988 dwar l-Edukazzjoni, il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ippromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 33 ta' dak l-Att.

Titlu fil-Qosor

Dan ir-Regolament jista' jissejjaħ Regolament li jemenda aktar ir-Regolamenti RO1 ta' l-Università ta' Malta u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-Università ta' Malta imdaħħla fl-Iskeda III ta' l-Att ta' l-1988 dwar l-Edukazzjoni.

Emenda Nru. 2 tar-Regolamenti RO1

1. Ir-Regolamenti RO1 — REGOLAMENTI GĦAD-DĦUL huma emendati kif ġej:

Minnufih wara s-sub-paragrafu 9.1 jiddaħħal dan is-sub-paragrafu ġdid:

> 9.2 Minkejja kulma hemm preskritt f'dawn ir-Regolamenti dwar kull kors li d-dħul għalih hu ristrett għal studenti regolari, kandidat li japplika biex jidħol f'xi kors li jibda f'Ottubru 1989 jew f'Ottubru 1990 u li jonqsu biss ċertifikat fis-"*Systems of Knowledge*" biex jikkwalifika bħala student regolari jista' jitħalla jidħol fil-kors mill-Bord tad-Dħul bil-kundizzjoni li jikseb ċertifikat f'dak is-suġġett sa tmiem Jannar ta' l-ewwel sena tal-kors.